



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14412/18

SOC 716
EMPL 536
ECOFIN 1065
EDUC 431

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Semestru Ewropew 2019

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż in-nota ta' gwida tal-Presidenza għad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett tas-Semestru Ewropew 2019 fil-Kunsill EPSCO tas-6 ta' Diċembru 2018.

IL-KUNTEST SOĊJO EKONOMIKU

Is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjiegi qed tkompli titjieb. It-tkabbir ekonomiku ffaċilita l-ħolqien ta' impjiegi u l-impjiegi laħaq livell rekord fl-UE. L-UE qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ta' Ewropa 2020 ta' rata ta' impjiegi ta' 75% fl-2020. Madankollu, l-ispariġġ fir-rati ta' impjiegi madwar l-UE jissuġġerixxi wkoll li għadhom jippersistu sfidi, b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-kriżi. Minkejja tendenza li dejjem tonqos, ir-rati ta' qgħad fit-tul fost iż-żgħażaġh għadhom għoljin fxi Stati Membri, u d-diskrepanzi fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa għadhom kbar. Bħalissa, ir-rata ta' impjiegi ta' persuni b'livell baxx ta' hiliyet hi kważi 30 punti perċentwali taħt dik ta' persuni b'edukazzjoni għolja.

Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali naqas b'mod sinifikanti u huwa inqas milli kien qabel il-kriżi. Madankollu, l-isforzi jridu jżiedu sabiex tintlaħaq il-mira ta' Ewropa 2020 dwar it-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-linji ta' politika għandhom ikunu orjentati b'mod partikolari lejn persuni vulnerabbli bħat-tfal, persuni b'diżabilitajiet u persuni b'kuntest ta' migranti.

Is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jstimola r-riformi fil-livell nazzjonali, filwaqt li l-implimentazzjoni tar-riformi u s-sjieda nazzjonali għandhom rwol vitali.

PAKKETT TAL-ĦARIFA

Fil-**Pakkett tal-Ħarifa 2019** tagħha il-Kummissjoni għamlet enfasi fuq il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fil-qafas tal-Pilastru Ewropew għad-Drittijiet Soċjali, diġà inkorporat fl-eżerċizzju tas-Semestru 2018. L-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (RKI) jinkludi s-sejbiet tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, li juri li l-Istati Membri qed jagħmlu progress fid-dimensjonijiet ewlenin tal-Pilastru. Minkejja dan, l-irkupru ekonomiku mhuwiex qed ikun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha. L-isfidi fir-rigward tal-prinċipji speċifiċi tal-Pilastru jinkludu l-hiliyet diġitali, il-konverġenza tal-pagi, il-kwalità tal-impjiegi, is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tal-pensjonijiet, il-kura fit-tul, l-abitazzjoni.

Issa wasal iż-żmien li l-Istati Membri **jintensifikaw ir-riformi** fis-swieq tax-xogħol u fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali, biex b'hekk titrawwem il-konverġenza lejn kondizzjonijiet aħjar ta' għixien u ta' xogħol fl-UE.

Id-dinja tax-xogħol qed tinbidel b'mod rapidu minħabba teknoloġiji ġodda, kompetizzjoni globali u bidliet demografiċi. Dan jissuġġerixxi li diġà illum, madwar 2% tal-ħaddiema jaqilgħu nofs jew aktar mill-introjt tagħhom fl-ekonomija tal-gigs. Mhuwiex ċar jekk dawn humiex qed jikkontribwixxu għall-protezzjoni soċjali. Dan iżid l-isfidi għas-sostenibbiltà tal-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u s-sistemi ta' kura fit-tul li diġà jinsabu taħt pressjoni minħabba l-iżviluppi demografiċi. Għalhekk, il-miżuri biex titjieb is-sostenibbiltà finanzjarja u biex tiġi żgurata l-adegwatezza tal-pensjonijiet ser isiru dejjem aktar importanti.

Kif enfasizzat fl-**Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir**, ir-riformi għandhom irendu l-UE **aktar inklużiva** f'dinja tax-xogħol li qed tinbidel. Ser isir prijoritarju l-appoġġ għall-investment fit-tisħiħ tal-kapital uman. Bil-bidliet demografiċi u t-teknoloġiji ġodda l-Istati Membri jeħtieġ li jinvestu b'mod aktar effettiv fl-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, billi n-nies jiġu mġhammra għal impjiegi ta' kwalità kif ukoll biex tingħata aktar spinta lill-ħolqien ta' impjiegi u l-produttività. Fl-istess ħin, huwa kruċjali li jiġi prijoritizzat l-investment f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jiffunzjonaw sew u **sistemi tal-protezzjoni soċjali** effettivi u inklużivi.

Fl-2019, il-Kummissjoni biħsiebha tiżgura rabtiet **aktar f'saħħithom u aktar effettivi bejn is-Semestru u l-iffinanzjar mill-Unjoni għall-perijodu 2021-2027** f'konformità mal-proposti tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid tagħha. L-għan hu li jiġi żgurati sinerġiji akbar u komplementarjetà bejn il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Biex dan jinkiseb, is-Semestru 2018 ser ikollu jiffoka aktar fuq l-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet tal-investment biex ikun ta' gwida għad-deċizzjoni li jmiss dwar l-ipprogrammar. F'dan il-kuntest, ser ikun kruċjali li jiġi intensifikat id-djalogu dwar il-lakuni fl-investment nazzjonali.

L-involvement f'waqtu u sinifikattiv tas-**sħab soċjali** huwa kruċjali biex jiġi diżinjati aħjar ir-riformi u biex tiżdied is-sjieda nazzjonali. Djalogu soċjali li jiffunzjona sew u li jkopri s-suq tax-xogħol, il-politiki soċjali u dawk ekonomiċi huwa element ewlieni tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropew. Bl-istess mod, l-esperjenza tal-**organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** għandha rwol importanti x'taqdi biex tiżgura li r-riformi jiġu diżinjati u implimentati b'mod effettiv.

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar l-elementi prinċipali tal-Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew 2019, b'attenzjoni partikolari fuq:

- *Jekk il-**prijoritajiet prinċipali** stipulati fil-pakkett tal-ħarifa, b'mod partikolari fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u l-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, humiex adegwati, u b'kont meħud tal-isfidi ta' swieq ta' xogħol li qed jinbidlu u l-impatt fuq l-iskemi tal-protezzjoni soċjali?*
-